# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 525/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Christopher Borg**
**(K.I. 141979M)**

**Illum, 28 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra Christopher Borg, iben Alfred u Mary Anne Borg, residenti ġewwa 27, Block 1, Door B, Fl 3, Triq iż-Żernieq, Siġġiewi, imwieled H' Attard nhar it-5 ta' Marzu 1979 u detentur tal-karta tal-identità numru 141979M u akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-Gżejjer nhar l-24 ta' Mejju 2024, għall-ħabta ta' bejn nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar (12:00hrs – 15:00hrs)::

1. Ikkommetta serq ta’ flus minn ġewwa vettura li għandha n-numru ta’ reġistrazzjoni HAT 241 liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma’ jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-lok, u liema serq sar għad-dannu ta' Joseph Falzon u/jew ta xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajjiet oħra.

Ġewwa Triq l-Imdina, Siġġiewi u/jew fi bnadi oħra f’ dawn il-Gżejjer, nhar it-tletin (30) ta’ Mejju 2024 għall-ħabta ta’ bejn is-sebgħa u nofs (19:30hrs) u l-ħdax (23:00htrs) ta’ filgħaxija:

2. Bil-ħsieb li jisraq flus u/ jew oġġetti oħra minn ġewwa numru ta’ vetturi, wera dan il-ħsieb b’ atti esterni u ta’ bidu għall-eżekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tqis lil Christopher Borg bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li kien instab ħati b’diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistax jiġi mibdula.

Illi f’każ ta’ ħtija għal reat wieħed jew kollha hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet mitluba tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Illi f’każ ta’ ħtija għal reat wieħed jew kollha hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 532B u/ jew tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-parti leża;

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2024 stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2024 stess, l-akkużat talab illi jsir *pre-sentencing report* fil-konfront tiegħu, liema pre-sentencing report ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti nhar is-16 ta' Settembru 2024;

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skont ma jirriżulta mir-rapporti tal-pulizjia ppreżentati, dakinhar tl-24 ta' Mejju 2024, il-parte ċivile Joseph Falzon irrapporta li kienu nsterqu xi flus minn ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HAT241 waqt li kienet ipparkjata ġewwa r-rampa tal-garaxx tal-kwerelant fi Sqaq Triq il-Qajjied, Siġġiewi. Mill-filmat CCTV elevat mill-viċinanzi il-Pulizija raw persuna maskili liebes flokk abjad u qalziet blu skur jinżel ġewwa l-garaxx tal-kwerelant u jerġa jitlaq minn fejn ġie wara temp ta' madwar minuta. Jirriżulta li l-kwerelant għaraf lil dan ir-raġel bħala l-akkużat odjern.

Illi fit-30 ta' Mejju 2024, il-pulizija rċeviet rapport ieħor fejn intqal li fi Triq l-Imdina, Siggiewi kien hemm persuna ta' sess maskili li kien qiegħed jipprova jiftaħ xi vetturi. Wara li l-pulizija aċċediet fuq il-post, huma raw raġel li kien jikkonformi mad-deskrizzjoni li ngħatat lill-pulizija fir-rapport

msemmi. Il-Pulizija avviċinaw lil din il-persuna li rriżulta kien l-akkużat odjern.

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u anke meta tressaq b' arrest quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet li l-akkuzat mhux l-ewwel darba li kien xellef difrejh mal-ġustizzja. Il-Qorti semgħet ukoll li l-akkużat, li għandu problema akuta ta' l-abbuż tad-droga u ngħata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jirriforma ruħu iżda huwa ma' għamilx użu tajjeb tagħhom.

Illi mir-rapport *pre-sentencing* tal-uffiċjal tal-probation jirriżulta li l-akkużat għandu diversi oqsma f'ħajtu li hemm bżonn jaħdem fuqhom. Fattur li jispikka huwa l-abbuż tad-droga għal liema abbuż mhu qiegħed jirċievi l-ebda għajnuna professjonali ħlief is-servizz tal-*methadone*. Konsegwentement hemm riskju għoli li l-akkużat jinvolvi ruħu f'xi reat kriminali ieħor sabiex imantni dan il-vizzju. L-uffiċjal tal-*probation* tikkonkludi illi l-akkużat għandu jaħdem fuq il-problemi personali u emozzjonali tiegħu sabiex jegħleb id-diffikultajiet li għandu. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi uffiċjal tal-*probation* tirrakkomanda piena karċerarja bil-għan li l-akkużat ikun jista' jaħdem fuq il-problema tad-droga f'ambjent ikkontrollat. Hija tirrakkomanda li l-akkużat jinżamm ġewwa t-taqsima forensika fi ħdan l-isptar Monte Carmeli sabiex hemmhekk jingħata l-kura, t-trattament, il-gwida u s-sapport neċessarju biex ikun jista' jirriforma ruħu.

Illi l-Qorti taqbel pjenament ma' din il-konklużjoni tal-uffiċjal tal-probation u tqis li l-piena għandha tkun waħda kemm retributtiva kif ukoll riformattiva sabiex il-piena tinqaleb f'opportunità għall-akkużat li jirriforma ħajtu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli, 18, 41, 49, 50, 261 (ċ) (e) (f) (g), 267, 269 (g), 270, 271(g), 279(1), 280(1), 281(b), 289, tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Christopher Borg <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sena u nofs mil-lum.

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Christopher Borg u dan ai termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati jħallas lil Joseph Falzon is-somma ta' €500 rappreżentanti r-*res furtiva* fil-każ *de quo*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament mogħti kontestwalment jintbagħatu lid-Direttur Servizzi Probation and Parole.

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiz-zmien mogħti mill-Liġi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**